MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 1633/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Ronald Galea (K.I. 274072M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ elfejn u tmintax-il ewro u tmienja u disghin centezmu (€2,018.98) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti.

Illi l-konvenut ġie nterpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv izda dan baqa’ nadempjenti ghal tali talba u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament

effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta' Novembru, 2011 mill-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghaxijiet legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------